# 21. Ġesù Poeta

Qalu li jien poeta tan-natura;
għannejt il-ġmiel tal-maqdes tas-sbuħija,
bl-arazzi mżewqa minsuġin mill-fjuri
u għejun bħal-lampieri dwal mimlija.

Iżda int, Ġesù, kantajt il-ġmiel u d-dija
tal-maqdes tar-ruħ tagħna; kieku l-ġmiel
tar-ruħ kellna naraw, il-ġmiel tad-dinja
isir duħħan bla lwien, bla gost, bla ħjiel!

Kantajt, Ġesù, id-doni tar-ruħ twajba,
fqira fl-ispirtu, mansa, kiebja, pura,
għatxana wisq tal-ħaqq, kollha mbikkija,
u tħobb is-sliem għax tħobb il-ħaqq maħqura.

Ġo din ir-ruħ sabiħa Alla niżel,
imlieha ħniena u faraġ, taha s-saltna tiegħu,
sejħilha bintu, taha l-art b'wirt tagħha,
u taha l-jedd tiltaqa' wiċċ b'wiċċ miegħu.

Għannejt Ġesù, il-glorji tar-ruħ twajba
fuq il-muntanja lill-ġemgħat tal-fqar,
tal-morda, tal-batuti, tal-maħqura,
u mlejthom kollha ħeġġa u kollha nar.

U l-poeżija baqgħet tgħix, tissemma,
rebħet l-istorja, rebħet lill-bnedmin;
l-ulied tal-bniedem qatt ma kitbu bħalha,
saret il-poeżija tat-twajbin.

Barra poeta, o Ġesù, int Alla
li timla b'ruħ il-qodos lill-erwieħ;
ħudha Ġesù, il-poeżija tiegħi,
u tini flokha ruħ minn dawk is-sbieħ!